# IL-PJAN TAL-LEZZJONI 4.3

**Kap 4: Ħarsu ftit 'l hemm!**

**Lezzjoni 4.3: Kemm iġib ferħ il-Milied!**

**L-Għanijiet:**

**L-istudenti:**

1. jagħtu ħarsa lejn it-tiżjin li nużaw fid-djar tagħna u s-simboli tagħhom.
2. jifhmu li biex nilqgħu 'l Ġesu' f'qalbna jeħtieġ nippreparaw għalih f'qalbna wkoll u nkunu ferħanin tassew.




**Ir-riżorsi għal-lezzjoni:**



- Powerpoint : It-tiżjin tal-Milied
- Powerpoint : Nifraħ u nferraħ
- Karta ta' taħriġ 4.3
- Kanzunetta tal-Milied: Away in a manger / Fuq tiben f'maxtura

## Naqsmu flimkien – L-introduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu

- Semma' l-kanzunetta tal-Milied - *Away in a manger* jew *Fuq tiben f'maxtura.*
- Spjega s-sinifikat ta' din id-diska – Ġesù fil-faqar tiegħu ġab il-paċi u l-ferħ veru.



## Nisimgħu flimkien (Il-qafas tal-lezzjoni)



1. Spjega li għalkemm f'dawn il-kundizzjonijiet ta' faqar, Ġesù ġab ferħ kbir.
2. Allura, spjega li hemm ferħ li jgħaddi u hemm ferħ li ma jgħaddix.
3. Uri l-ppt *Il-Milied u t-tiżjin li jġib miegħu.* Turix l-aħħar sliede għaliex fiha ġabra ta' dak li tistgħu tkunu ddiskutejtu bħala klassi.
.
4. Hu mingħand it-tfal ir-reazzjonijiet li jmorru ma' dan it-tiżjin: eżempju: kalzetta – ħelu, eċċ.
5. Fisser li mhux it-tiżjin biss jagħmel il-festa tal-Milied sabiħa, imma hemm affarijiet aktar importanti u ta' siwi.



6. Allura mbagħad uri l-aħħar slide u agħlaq id-diskussjoni.
7. Segwu l-ppt: *Nifraħ u nferraħ.* Ħalli lit-tfal jagħtu r-reazzjonijiet u l-ideat tagħhom.
8. Stieden lit-tfal jiftħu l-Ktieb tal-Attivitajiet 4.3 u wara li tispjega s-silta mogħtija, stieden lit-tfal biex flimkien jaħdmu bħala klassi Attività 1 fejn huma ser jagħżlu dak li ħa jiktbu
9. Ħalli lit-tfal jieħdu gost ipinġu Attività 2.
10. Asal għal Attività 3. Qajjem diskussjoni dwar il-purċissjoni tal-Bambin u ħeġġeġ għaliha.
11. Agħlaq billi t-tfal jagħmlu t-talbiet tagħhom.
12. Bħala għeluq tista' terġa' tkanta, naturalment flimkien mat-tfal, *Away in a Manger* jew *Fuq tiben f'Maxtura.*

## Nikbru flimkien (punti saljenti tal-lezzjoni)

1. Mhux il-ferħ ta' barra biss li jagħmel il-Milied festa kbira, imma dak li jien nagħti lill-oħrajn biex huma jħossuhom ferħanin.
2. Il-parties, ir-rigali, il-vaganzi huma sbieħ, imma l-isbaħ ħaġa hi li nduru fuq Ġesù u ngħidlu 'grazzi' ta' dak li għamel għalina.
3. Biex nilqgħu sew lil dak li jkun jeħtieġ, fil-verità rridu nemmnu li rridu ngħinu u nferrħu lill-oħrajn.
4. Biex ngħix u ngawdi l-Milied irrid nara lil min ħa ngħin.

## Nagħżlu flimkien (L-attitudni)

It-tfal jaraw kif ser ikunu ferħanin huma mhux f'dan iż-żmien tal-Milied biss, iżda dejjem. Aktar minn hekk, huma juru li qegħdin jaħsbu kif ser iferrħu lil ħaddieħor, mhux f'dan iż-żmien biss, imma dejjem.



## Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD ecc

Kant : Away in a manger

https://www.youtube.com/watch?v=AnwO_0DrpCk

Fuq Tiben f'Maxtura

https://www.youtube.com/watch?v=8HTwT3_iURY

## Nitolbu

Ġesù, għinni biex f'dan il-Milied nipprepara għall-miġja tiegħek, mhux bit-tiżjin ta' barra biss imma wkoll f'qalbi.

Ejja f'qalbi, Ġesù, u imlieni bil-paċi u l-ferħ tiegħek.